# Leħen il-Fgura

*Sena 58 Nru. 376 Marzu 2025*



*Messaġġ mill-Kappillan*

## Ir-Randan: Żmien Biex Nersqu Lejn il-Mulej

Ir-Randan huwa żmien qaddis u utli għalina l-insara. Fih irridu naħsbu bis-serjeta dwar il-pożizzjoni tagħna ma' Alla u ma' xulxin. Il-kelma "rikonċiljazzjoni" li kemm -il darba smajnieha tfisser ftehim u biex isir ftehim irridu nċedu. Rikonċiljazzjoni ma' Alla hija biss min-naħa tagħna għax Alla diġa ċeda kollox għalina. Diġa bagħat lil Ibnu li sar bniedem bħalna u tgħabba bid-dnubiet tagħna lkoll. Imiss lilna biex inċedu biċċa u jkun biżżejjed għax il-Mulej iridna nkunu umli.

Infatti biżżejjed inħobbu biex insalvaw ruħna. Iżda l-imħabba tfisser impenn. Ma tkunx tħobb veru jekk ma tieħux pjaċir tisma' fuq il-persuna li tħobb. Ma tkunx tħobb bis-serjeta jekk ma tieħux gost tiltaqa' mal-persuna li tħobb biex taqsam magħha ħsibijietek, xewqatek, l-iebes u s-sabiħ tal-ħajja, il-ferħ u n-niket, is-saħħa u l-mard.

Inħobbuh tassew lil Kristu? Hu qiegħed hemm għalina u qiegħed hemm il-ħin kollu. Jonqos biss li aħna nersqu lejh, ħalli nadurawh, infaħħruh u nirringrazzjawh.

Jekk verament inħobbu lil Alla għandna nagħmlu l-ħila tagħna kollha biex niġu u nisimgħu l-Kelma tiegħu permezz tal-eżerċizzi spiritwali. F'dan il-fuljett li qed jitqassam fil-parroċċa kollha jidhru d-dati tal-erba' korsijiet ta' eżerċizzi. Ara liema wieħed jolqot lilek u żomm id-dati liberi biex żgur ma titlifhomx.

Il-Paċi tal-Mulej tkun dejjem magħkom u nawgura lilkom u l-għeżież tagħkom l-Għid it-Tajjeb.

P. Raymond Calleja O. Carm, Kappillan.

## Eżerċizzi tar-Randan
## Fil-Parroċċa tagħna tal-Fgura

| | |
|---|---|
| Mit-Tnejn 17 sal-Ġimgħa 21 ta' Marzu<br>Għall-koppji fil-knisja parrokkjali<br>Filgħaxija wara l-quddiesa tas-6:30pm<br>Predikatur – Mons Dun Pawl Vella | Mit-Tnejn 24 sal-Ġimgħa 28 ta' Marzu<br>Għal kulħadd fiċ-ċentru pastorali<br>6:30pm – Quddiesa u priedtka fil-quddiesa.<br>Predikatur – P. Raymond Calleja O. Carm |
| Mit-Tnejn 31 ta' Marzu sal-Ġimgħa 4 ta' April<br>Għal kulħadd fil-knisja parrokjaili<br>8:30am – Quddiesa u priedtka fil-quddiesa.<br>Predikatur – P. Joe Vella O. Carm | Mit-Tnejn 7 sal-Hamis 10 ta' April<br>Għal kulħadd fil-knisja parrokjaili<br>6:30pm – Quddiesa u priedtka fil-quddiesa.<br>Predikatur – P. Damian Cachia O. Carm |

# Djarju tal-Parroċċa

| | |
|---|---|
| **Marzu 2025** | |
| **L-Erbgħa 5** | **Ras ir-Randan u l-Erbgħa tal-Irmied** – Jum ta' Sawm u ma jiswix laħam<br>Fil-quddies kollu jsir it-tqegħid tal-irmied. |
| **It-Tlieta 11** | Rtir ta' ġurnata ġewwa l-Karmnu l-Imdina għat-Terzjarji. Tluq fit-8:30am. |
| **L-Erbgħa 12** | Ħarġa b'risq il-knisja – Tluq bil-private minn quddiem il-knisja fit-8:30am.<br>4:30pm: Laqgħa għat-Terzjarji Karmelitani fiċ-ċentru parrokkjali |
| **Mit-Tnejn 17 sal-Ġimgħa 21** | Eżerċizzi għall-koppji fil-knisja parrokkjali.<br>6:30pm: Quddiesa u wara priedtka tal-eżerċizzi. |
| **Mis-Hadd 16 sat-Tlieta 18** | **Tridu ta' San Ġużepp**<br>6:30pm: Quddiesa bil-priedtka fuq San Ġużepp. |
| **L-Erbgħa 19** | **Solennità ta' San Ġużepp – Ir-Raġel ta' Marija u Protettur tal-Ordni Karmelitan**<br>6:30pm: Quddiesa kantata solenni bil-priedtka fuq San Ġużepp. |
| **Mit-Tnejn 24 sal-Ġimgħa 28** | Eżerċizzi għal-kulħadd fiċ-ċentru pastorali ta' Triq il-Liedna.<br>6:30pm: Quddiesa bil-priedtka tal-eżerċizzi. |
| **L-Erbgħa 26** | Ħarġa b'risq il-knisja – Tluq bil-private minn quddiem il-knisja fit-8:30am. |
| **Mit-Tnejn 31 sal-Ġimgħa 4** | Eżerċizzi għal kulħadd fil-knisja parrokkjali.<br>8:30am: Quddiesa bil-priedtka tal-eżerċizzi. |
| **April 2025** | |
| **Mit-Tnejn 7 sal-Hamis 10** | Eżerċizzi għal kulħadd fil-knisja parrokkjali.<br>6:30pm: Quddiesa bil-priedtka tal-eżerċizzi. |
| **L-Erbgħa 9** | Ħarġa b'risq il-knisja. Tluq bil-private minn quddiem il-knisja fit-8:30am.<br>4:30pm: Laqgħa għat-Terzjarji Karmelitani fiċ-ċentru parrokkjali |
| **Il-Ġimgħa 11** | **Tifkira Devota tad-Duluri**<br>Il-Hin tal-Quddies filgħodu jkun fis-6:00am, 6:45am, 7:45am, 8:30am u 11:30am.<br>5:00pm: Via Sagra u fil-5:30pm: Quddiesa kantata.<br>Wara l-quddiesa jibda l-pellegrinaġġ bl-istatwa tad-Duluri li jgħaddi minn toroq Hompesch, San Tumas, Merħba, Venewwa, Kuluvert, San Xmun, Merħba, Sur, Hompesch, lura għall-knisja. Fit-8:00pm ikun hemm quddiesa oħra. |
| **Il-Hadd 13** | **Hadd il-Palm**<br>9:15am: Ċelebrazzjoni tat-tberik tal-palm u l-friegħi taż-żebbuġ quddiem il-kunvent fi Triq il-Karmelitani u wara purċissjoni sal-knisja parrokkjali fejn fid-9:30am tibda quddiesa kantata bil-qari tar-rakkont tal-passjoni. |
| **It-Tnejn 14** | **It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa**<br>6.00pm: Talba tar-Rużarju.<br>6:30pm: Quddiesa bit-talba tal-għasar.<br>7:15pm: Via Sagra mat-toroq tal-Fgura bl-istatwa ta' Ġesù Redentur li tibda mill-knisja u tgħaddi minn toroq Hompesch, Karmelitani, Kampanella, Sur, Vjal Kottoner, Tal-Gallu, Wistin Levanzin, Sant'Antnin, Hompesch lura għall-knisja. |
| **It-Tlieta 15** | **It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa**<br>Ċelebrazzjoni penitenzjali wara l-quddiesa tas-6:30pm. Ikun hawn saċerdoti disponibbli għall-qrar. |
| **L-Erbgħa 16** | **L-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa**<br>6:00pm – Via Sagra<br>6.30pm – Quddiesa bl-għasar u bil-priedtka fuq il-passjoni tal-Mulej. |
| **Il-Hamis 17** | **Hamis ix-Xirka** - Filgħodu fil-knisja ma jkunx hemm quddies.<br>7.00am: Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.<br>6.30pm: Quddiesa tat-Tifkira tal-aħħar ikla tal-Mulej fejn isir il-ħasil tar-riġlejn.<br>Fi tmiem il-quddiesa issir it-translazzjoni bis-sagrament lejn l-artal tar-ripożizzjoni u immedjatament wara jibdew il-visti organizzati.<br>10.00pm: Adorazzjoni Solenni animata mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali. |
| **Il-Ġimgħa 18** | **Il-Ġimgħa l-Kbira** – Obbligu tas-sawm u ma jiswix laħam<br>Visti organizzati fis-6.00am, 8.00am u 10.00am.<br>7.00am: Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbiħ il-Jum<br>9:00am: Adorazzjoni immexxija mill-membri tal-M.U.S.E.U.M tas-Subien. |

| | |
|---|---|
| | 2:30pm: Via Sagra<br>3.00pm: Azzjoni liturġika tat-tifkira tal-Passjoni tal-Mulej. |
| **Is-Sibt 19** | **Sibt il-Għid -**Filgħodu fil-knisja ma jkunx hemm quddies.<br>7.00am: Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.<br>8.00pm: Vġili Solenni tal-Għid bir-riti tad-dawl u l-magħmudija. |
| **Il-Hadd 20** | **L-Għid il-Kbir**<br>9.30am: quddiesa kantata bis-sehem tat-tfal fejn jinġabar il-karus ta' mħabba. Wara l-quddiesa jsir it-tberik u t-tqassim tal-figolli lit-tfal tal-parroċċa. |
| **Mit-Tnejn 21 sal-Ħadd 27** | **Ottava tal-Għid u jiem ta' Adorazzjoni**<br>Mill-5:30am sas-6:00am – Espożizzjoni fis-Skiet.<br>6:00pm: Tibda l-espożizzjoni u rużarju meditat u fis-6:30pm quddiesa.<br>Wara l-quddiesa tkompli l-espożizzjoni sat-8:00pm.<br>Is-Sibt filgħaxija l-espożizzjoni u r-rużarju jkunu fil-5:00pm. |
| **L-Erbgħa 23** | Jibdew l-Erbgħat tal-Madonna tal-Karmnu<br>Tul l-Erbgħat tal-Madonna tal-Karmnu fis-6:30pm ikollna quddiesa bl-omelija u wara ċelebrazzjoni Marjana u ċelebrazzjoni Ewkaristika.<br>Ħarġa b'risq il-knisja. Tluq bil-private minn quddiem il-knisja fit-8:30am. |
| **Il-Ħadd 27** | **It-Tieni Ħadd tal-Għid u l-Festa tal-Ħniena Divina**<br>5:15pm: Talba tal-Għasar u adorazzjoni tal-Ħniena Divina<br>6:30pm: Quddiesa bl-Omelija. Wara, purċissjoni bis-Sagrament li tgħaddi minn Toroq Hompesch, Sur, Kampanella, Karmelitani, Hompesch, lura għall-knisja fejn tingħata l-barka sagramentali. |
| **Mejju 2025** | |
| **Il-Ħamis 1** | Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem |
| **Il-Ġimgħa 9** | Festa ta' San Ġorġ Preca<br>6.30pm: Quddiesa animata mill-membri tal-Museum bis-sehem tat-tfal. |
| **Il-Ħadd 11** | **Raba' Ħadd tal-Għid – Jum il-Vokazzjonijiet Saċerdotali u Jum l-Omm**<br>Il-quddies kollu jkun għall-ommijiet ħajjin u mejtin |
| **L-Erbgħa 14** | Ħarġa b'risq il-knisja. Tluq fid-8:30am minn quddiem il-knisja. |
| **L-Erbgħa 21** | Ġurnata għal Għawdex. Tluq fis-6:30am minn quddiem il-knisja. |
| **L-Erbgħa 28** | Ħarġa b'risq il-knisja. Tluq fit-8:30am minn quddiem il-knisja. |
| **Ġunju 2025** | |
| **Il-Ħadd 1** | **Festa ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema** |
| **L-Erbgħa 4** | L-aħħar Erbgħa tal-Madonna tal-Karmnu |
| **Il-Ħadd 8** | **Solennità ta' Għid il-Ħamsin** |
| **L-Erbgħa 11** | Ħarġa b'risq il-knisja. Tluq fid-8:30am minn quddiem il-knisja. |
| **Il-Ħadd 15** | **Solennità tat-Trinità Qaddisa u Jum il-Missier**<br>Il-quddies kollu jkun għall-missirijiet ħajjin u mejtin. |
| **L-Erbgħa 18** | Ġurnata għal Għawdex. Tluq fis-6:30am minn quddiem il-knisja. |
| **Is-Sibt 21** | 6:45pm: Quddiesa tal-ewwel tqarbina. |
| **Il-Ħadd 22** | **Solennità ta' Corpus Christi**<br>9:15am: Quddiesa tal-ewwel tqarbina. |
| **Mit-Tlieta 24 sal-Ħamis 26** | **Jiem ta' tħejjija għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù**<br>6:00pm: Rużarju quddiem Ġesù espost u fis-6:30pm quddiesa bl-omelija. Wara l-quddiesa tkompli l-adorazzjoni sat-8:00pm. |
| **L-Erbgħa 25** | Ħarġa b'risq il-knisja. Tluq fid-8:30am minn quddiem il-knisja. |
| **Il-Ġimgħa 27** | **Solennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**<br>6:00pm: Rużarju quddiem Ġesù espost<br>6:30pm: Quddiesa bis-sehem tat-tfal li jkunu għamlu l-ewwel tqarbina. Wara l-quddiesa ssir purċissjoni bis-Sagrament li tgħaddi minn toroq Hompesch, San Tumas, Mater Boni Consiglii, Pjazza Redent Gauci, Teknoloġija Moderna, Sur, Hompesch u lura għall-knisja fejn issir ċelebrazzjoni Ewkaristika. |
| **Il-Ħadd 29** | **Solennità tal-Appostli San Pietru u San Pawl** |



**Il-Kappillan, il-Pirjol**
**u l-Komunita Karmelitana flimkien**
**mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali**
**jawguraw l-Għid it-Tajjeb**
**lil kulħadd.**




# Bazaar ta' Jum l-Omm

**mis-Sibt 10 sal Ħadd 25 ta' Mejju**
**Fis-Sala San Ġorġ Preca**
**9:00am – 12:00pm**
**4:00pm – 7:00pm**



## Ġurnata Rtir għal-żmien ir-Randan

**fil-Kunvent tal-Karmnu, l-Imdina**
**it-Tlieta 11 ta' Marzu 2025**
**Tluq fit-8:30am u naslu lura fl-4:00pm**
**Biljetti mingħand il-kappillan**

ĠUBLEW 2025
PELLEGRINI
TAT-TAMA

Mulej, agħmel minna nies li nġorru t-tama,
biex fejn hemm id-dlam isaltan id-dawl tiegħek,
u fejn hemm qtigħ il-qalb, terġa' titwieled il-fiduċja fil-ġejjieni.
Mulej, agħmel minna strumenti tal-ġustizzja tiegħek,
biex fejn hemm l-esklużjoni twarrad il-fraternità,
u fejn hemm ir-regħba, jwarrad il-qsim tal-ġid.
Mulej, agħmel minna bennejja tas-Saltna tiegħek.
Mulej, agħmel li nitgħallmu kemm hu sabiħ
Li lkoll kemm aħna ngħixu flimkien bħal aħwa. Ammen.

**Hinijiet tal-Uffiċċju Parrokkajli**
It-Tnejn u s-Sibt mid-9:00am sal-10:00am
It-Tnejn u l-Erbgħa mill-5:00pm sas-6:00pm
Tel: 21827900 Mob: 99872677
Email: parrocca.fgura@maltadiocese.org jew carmfgu@onvol.net
Waqt it-tberik l-uffiċju parrokkjali jiftaħ fil-ħinijiet ta' filgħodu biss.
Filgħaxija b'appuntament wara s-7:00pm